# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum, 08 ta' Awwissu, 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Karl Roberts)**

**vs**

**Ibrahim Abdurahman**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Ibrahim Abdurahman,** imwieled nhar l-1 ta' Jannar, 1996 ta' Nazzjonalita Chadjana, iben Abdurahman Mohamed u Maria Ibrahim, u detentur tan-numru tal-Pulizija 20HH-060 residenti gewwa Hal Far Tent Village;

Akkuzat talli fid-07 ta' Awwissu, 2021 u jew fil-jiem, gimghat jew xhur ta' qabel din id-data gewwa dawn il-gzejjer;

1. Iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'passaporti, jew uza jew kellu fil-pussess tieghu xi passaport, li hu kien jaf li gew iffalsifikati, imbiddla jew li sar xi tibdil fihom;

2. Kif ukoll talli xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra iffalsifikati; u

3. Kif ukoll minghajr awtorita' legittima uza jew kellu, fil-pussess tieghu xi dokumenti, mehtiega ghall-finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, il-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri u l-fedina penali netta tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Ibrahim Abdurahman** hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal sitt (6) xhur prigunerija.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**